4 ta' April, 1946.

**Imħallef:**

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Salvatore Cascun** *versus* **Carmela Cascun**

**Separazzjoni Personali — Rikonċiljazzjoni — Koabitazzjoni.**

*Biex tkun operativa ta' l-effetti tal-liġi, ir-rikonċiljazzjoni ma tridx tkun tali li wara ftit tkun segwita bi ġlied u kwistjonijiet mill-ġdid u b'separazzjoni mill-ġdid tal-pretiżi rikonċiljati. Mhux biżżejjed il-fatt tal-koabitazzjoni; imma hemm bżonn li l-fatt tal-ko-*

*abitazzjoni jiġi nterpretat, jiġifieri jekk kienx sempliċi esperiment jew rikonċiljazzjoni effettiva.*

*Il-koabitazzjoni li ġġib ir-rijunjoni li ttemm l-effetti tas-separazzjoni ma tfissirx il-fatt materjali ta' l-abitazzjoni komuni, imma l-fatt pjuttost morali tar-ritorn għall-ħajja tal-familja, b'mod li jkun hemm vera rikostruzzjoni tal-ħajja konjugali u vera rikompożizzjoni ta' dik il-komunanza ta' affetti, sentimenti u interessi, li jikkostitwixxu l-essenza ta' dik il-ħajja.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur ippremetta illi bis-sentenza ta' din il-Qorti tal-5 ta' Lulju 1943 ġiet pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, li in segwitu marru jgħixu flimkien; u li għalhekk dik is-sentenza ma għadhiex operativa għall-fini tas-separazzjoni personali bejn il-kontendenti; u talab li jiġi dikjarat u deċiż illi l-konvivenza bejn il-kontendenti fuq imsemmija timporta r-rikonċiljazzjoni ntiża mil-liġi, u li l-istess tipproduċi l-effetti li tgħid l-istess liġi mid-data li tiġi dikjarata li saret din ir-rikonċiljazzjoni. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Trattata l-kawża, wara li semgħet ix-xhieda kkunsidrat;

Mill-provi deher illi l-kontendenti, separati b'sentenza, għamlu tentattiv ta' rikonċiljazzjoni. Wara ġimgħa jew ftit aktar, però, reġgħu bdew bejniethom il-kwistjonijiet u l-glied ta' qabel, u sseparaw mill-ġdid. Mhux biss il-konvenuta, imma l-istess attur ammetta ma' ibnu Francesco u mas-Saċerdot Dun Anton Cilia, li kien irrakkomanda dan l-esperiment, illi l-prova ma rnexxietx; anzi lill-ibnu qallu li "minflok għall-aħjar l-affari kienet marret għall-agħar";

Illi, kif ġie ritenut minn din il-Qorti, fil-kawża "Muscat utrinque" fl-24 ta' Frar 1902, u "Sammut utrinque" fit-12 ta' Mejju 1924, ma hijiex rikonċiljazzjoni operativa ta' l-effetti tal-liġi dik li tkun, wara ftit, segwita bi glied u kwistjonijiet mill-ġdid u b'separazzjoni tal-pretiżi rikonċiljati;

Illi, kif osserva l-Imħallef Dr. Buhagiar (sedenti f'din il-Qorti) fis-sentenza "Stivala utrinque", 11 ta' Jannar 1928, mhux biżżejjed il-fatt waħdu tal-koabitazzjoni, imma hemm bżonn li dan il-fatt jiġi nterpretat, jiġifieri jekk kienx sempliċi esperiment jew rikonċiljazzjoni effettiva. F'dan il-każ iċ-ċirkustanzi kollha juru li kien sempliċi speriment. U l-isperiment isir, kif osserva l-Imħallef Dr. Conti, sedenti f'din il-Qorti, fil-

kawża "Sceberras utrinque", 3 ta' Frar 1864, "con la speranza di un cambiamento", li f'dan il-każ ma kienx hemm;

Illi għad li rriżulta li, almenu għall-ewwel tmint ijiem tat-tliet ġimgħat li l-kontendenti qagħdu flimkien kien hemm bejniethom............ u għalkemm dawn jistgħu, in linja ta' massima, jikkostitwixxu ndizju ta' rikonċiljazzjoni, eppure l-forza ta' dan l-indizju tispiċċa meta dawn ir-relazzjonijiet sesswali jsiru.............. mal-mara li tippresta ruħha b'renitenza, u mhux bħala effett ta' mħabba u simpatija;

Illi meta l-liġi tgħid li bil-koabitazzjoni jkun hemm ir-rijunjoni li ttemm l-effetti tas-separazzjoni, loġikament għandha tiftiehem li b'dik il-kelma "koabitazzjoni" l-liġi riedet tfisser mhux il-fatt materjali ta' l-abitazzjoni komuni, imma l-fatt pjuttost morali tar-ritorn għall-ħajja tal-familja, b'mod li jkun hemm vera rikostruzzjoni tal-ħajja konjugali u vera rikompożizzjoni ta' dik il-komunanza ta' affetti, sentimenti u interessi, li tikkostitwixxi l-essenza ta' dik il-ħajja;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi;

Billi tiċħad id-dikjarazzjoni mitluba, u għalhekk tirrespinġi l-istanza; bl-ispejjeż kontra l-attur.